Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0037

Emenda tal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Frar 2026 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027 (5470/2026 – C10-0023/2026 – 2025/3500(APP))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali: approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027 (5470/2026),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 312(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (C10-0023/2026),

 wara li kkunsidra l-Artikoli 94, 107(1) u (4) u 170(6) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta’ regolament tal-Kunsill;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.